**Emenda 28**
**Lidia Senra Rodríguez, Miguel Viegas, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Paloma López Bermejo, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***25b. Jappella għal fondi speċifiċi li għandhom l-għan li jappoġġaw rziezet żgħar peress li dawn iżommu ħafna impjiegi fiż-żoni rurali u huma bżonnjużi għaż-żamma u l-ħarsien tat-territorji okkupati; jappella għall-prijoritizzazzjoni tal-promozzjoni u reklamar ta' swieq u attivitajiet lokali li jissensibilizzaw il-kontribut tagħhom għall-ekonomiji lokali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprijoritizzaw il-politiki pubbliċi li jeliminaw b'mod gradwali l-kawżi li joħolqu volatilità tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli, li jseħħu b'mod frekwenti u li għandhom effetti negattivi fuq id-dħul tal-bdiewa;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Dimitrios Papadimoulis, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 - Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Iqis li biżżejjed riżorsi finanzjarji għandhom ikunu indirizzati permezz ta' programmi u miżuri ta' appoġġ lill-komunità, sabiex janalizzaw il-kundizzjonijiet ekoloġiċi u s-saħħa tal-pjanti tal-foresti u r-riabilitazzjoni tagħhom, inkluż ir-riforestazzjoni; jenfasizza l-fatt li, matul is-snin, l-Istati Membri ħabbtu wiċċhom ma' nuqqas sinifikanti ta' fondi għall-ġestjoni taż-żoni integrali tan-netwerk Natura 2000 (li f'xi każijiet jirrappreżenta parti sinifikanti tat-territorji nazzjonli), li kkompromettta l-effikaċja u l-koerenza ġenerali ta' dan l-istrument;*** |

Or. en



MT Magħquda fid-diversità MT

**Emenda 30**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Marisa Matias, Miguel Urbán Crespo, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28b. Jappella lill-Unjoni tieħu aktar responsabbiltà għall-ħarsien tar-riżorsi naturali fin-netwerk Natura 2000, speċjalment għal dak li jirrigwarda l-finanzjament tiegħu; jinnota d-diffikultajiet esperjenzati minn diversi Stati Membri fil-ġestjoni ta' żoni inklużi fin-netwerk Natura 2000, minħabba n-nuqqas ta' strument finanzjarju speċifiku mmirat lejn il-ġestjoni taż-żoni inklużi fin-netwerk Natura 2000, li jikkomplementa l-inklużjoni tal-bijodiversità fil-politiki settorjali;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Matt Carthy, Martina Anderson, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 30**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 30. ***Jilqa' b'sodisfazzjon*** l-Aġenda Ewropea tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni u jtenni l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ fil-mezzi tal-UE u l-iżvilupp ta' kultura ta' kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet u solidarjetà fl-oqsma tal-asil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni; ifaħħar għalhekk iż-żidiet fl-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jikkostitwixxu l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA); jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Flessibbiltà b'EUR 124 miljun sabiex jindirizza ***x-xejriet migratorji*** attwali fil-Mediterran; jistaqsi jekk il-finanzjament propost huwiex se jkun biżżejjed***; jenfasizza l-ħtieġa għal kontroll strett fuq id-destinazzjoni ta' dawn il-fondi;*** | 30. ***Jinnota*** l-Aġenda Ewropea tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni u jtenni l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ fil-mezzi tal-UE u l-iżvilupp ta' kultura ta' kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet u solidarjetà fl-oqsma tal-asil, il-migrazzjoni***, l-integrazzjoni*** u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni; ifaħħar għalhekk iż-żidiet fl-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jikkostitwixxu l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA); jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Flessibbiltà b'EUR 124 miljun sabiex jindirizza ***l-kriżi umanitarja*** attwali fil-Mediterran; ***jistaqsi jekk il-finanzjament propost huwiex se jkun biżżejjed għall-finanzjament integrali ta' mekkaniżmu adegwat ta' rilokazzjoni u programm dwar ir-risistemazzjoni fl-Unjoni li jwieġeb għall-bżonnijiet attwali;*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Demetris Papadakis, Paloma López Bermejo, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 31a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***31a. Jinsisti dwar il-bżonn li jiġi adottat approċċ komprensiv u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li jgħaqqad il-migrazzjoni mal-iżvilupp, u li jiġġarantixxi l-integrazzjoni ta' ħaddiema migranti, persuni li jfittxu asil u refuġjati; ifakkar dwar il-bżonn li jiġu implimentati aktar miżuri għat-tisħiħ tal-iżvilupp endoġinu sabiex jagħtu spinta għal relazzjoni soda, mutwali u benefiċjali;*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Miguel Urbán Crespo, Liadh Ní Riada, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Dennis de Jong, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Paloma López Bermejo, Dimitrios Papadimoulis, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 36**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 36. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda ġenerali fil-finanzjament għall-Intestatura 4, li tammonta għal EUR 8,9 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (+5,6 % meta mqabbel mal-baġit tal-2015), filwaqt li tħalla marġni ta' EUR 261,3 miljun taħt il-limitu massimu; jinnota li dan juri livell għoli ta' solidarjetà ma' pajjiżi terzi; jemmen li l-baġit tal-UE huwa strumentali biex jintlaħqu n-nies fil-bżonn u għall-promozzjoni tal-valuri fundamentali Ewropej; jinsab sodisfatt li d-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali li ltaqgħet magħhom l-UE f'dawn l-aħħar snin ma aljenawx mill-attenzjoni mogħtija lill-bqija tad-dinja; ***jemmen madankollu li aktarx se jkun hemm bżonn li jissaħħu iżjed ċerti oqsma prijoritarji bħall-Istrument Ewropew ta' Viċinat, inkluża l-assistenza għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, il-Palestina u l-UNRWA, u dan minħabba l-kriżijiet politiċi u umanitarji li għaddejjin bħalissa fil-viċinat u lil hinn minnu;*** | 36. ***Jinnota ż-żieda*** ġenerali fil-finanzjament għall-Intestatura 4, li tammonta għal EUR 8,9 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (+5,6 % meta mqabbel mal-baġit tal-2015), filwaqt li tħalla marġni ta' EUR 261,3 miljun taħt il-limitu massimu; jinnota li dan juri livell għoli ta' solidarjetà ma' pajjiżi terzi; jemmen li l-baġit tal-UE huwa strumentali biex jintlaħqu n-nies fil-bżonn u għall-promozzjoni tal-valuri fundamentali Ewropej; ***jinsisti li bidla baġitarja lil hinn mill-infiq fil-militar u fis-sigurtà u lejn politika barranija ċivili u orjentata lejn l-iżvilupp hija meħtieġa sabiex jitnaqqas l-infiq militari fit-tul;*** jinsab sodisfatt li d-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali li ltaqgħet magħhom l-UE f'dawn l-aħħar snin ma aljenawx mill-attenzjoni mogħtija lill-bqija tad-dinja***, u jtenni l-pożizzjoni tiegħu li fondi taħt din l-intestatura għandhom ikunu impenjati għal politika barranija paċifista u ċivili, li tiżgura li jiġu rispettati l-impenji tal-Unjoni għall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli, l-MDGs, il-kontroll tal-armi, ir-reġim tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni u d-diżarm nukleari; jemmen, madankollu, li aktarx se jkun*** |


Magħquda fid-diversità

***hemm bżonn li jissaħħu iżjed ċerti oqsma prijoritarj,i bħall-Istrument Ewropew ta' Viċinat, inkluża l-assistenza għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, il-Palestina u lill-UNRWA, u dan minħabba l-kriżijiet politiċi u umanitarji li għaddejjin bħalissa fil-viċinat u lil hinn minnu;***

Or. en

**Emenda 34**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Dennis de Jong**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 38**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 38. Jemmen li strumenti ta’ finanzjament estern jipprovdu għodod biex jindirizzaw, b’mod multidimensjonali u flimkien mal-għanijiet rispettivi tagħhom, il-kawżi ewlenin ***ta’ dawk l-isfidi marbuta mas-sigurtà interna u l-migrazzjoni*** li huma fil-qalba tal-baġit tas-sena d-dieħla, b’referenza partikolari għall-fruntieri tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni u, b’mod iktar ġenerali, għaż-żoni milquta minn kunflitti; jiġbed l-attenzjoni b’mod partikolari għall-Istrument ta’ Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Istrument Ewropew tal-Viċinat iżda wkoll għal politiki li jkunu għaddejjin minn żidiet aktar moderati bħall-għajnuna umanitarja, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, il-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika b’mod ċar oqsma li jistgħu jgħinu f’dawn l-isfidi topiċi u fejn infurzar potenzjali jista’ jiġi assorbit b’mod effiċjenti; ifakkar f’dan ir-rigward fl-importanza li tingħata assistenza sabiex jitnaqqas u ***eventwalment*** jinqered il-faqar, u l-ħtieġa li d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-koeżjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi jibqgħu fil- | 38. Jemmen li strumenti ta' finanzjament estern ***għandhom*** jipprovdu għodod biex jindirizzaw, b'mod multidimensjonali u flimkien mal-għanijiet rispettivi tagħhom, il-kawżi ewlenin ***tal-isfidi umanitarji*** u ***tal-migrazzjoni*** li huma fil-qalba tal-baġit tas-sena d-dieħla, b'referenza partikolari għall-fruntieri tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni u, b'mod iktar ġenerali, għaż-żoni milquta minn kunflitti; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Istrument Ewropew tal-Viċinat, iżda wkoll għal politiki li jkunu għaddejjin minn żidiet aktar moderati bħall-għajnuna umanitarja, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika b’mod ċar oqsma li jistgħu jgħinu f’dawn l-isfidi topiċi u fejn infurzar potenzjali jista’ jiġi assorbit b’mod effiċjenti; ifakkar f'dan ir-rigward fl-importanza li tingħata assistenza sabiex jitnaqqas u jinqered il-faqar, u l-ħtieġa li d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-koeżjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi jibqgħu fil-qalba tal-attivitajiet ta' għajnuna esterna tal-UE; |


Magħquda fid-diversità

qalba tal-attivitajiet ta’ għajnuna esterna tal-UE;

Or. en

**Emenda 35**
**Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Matt Carthy, Martina Anderson, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
guf'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 46**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 46. Ifakkar li, bi programmi li mistennija jilħqu ritmu sħiħ, bl-integrazzjoni ta' inizjattivi ewlenin ġodda fl-oqsma tal-investiment u l-migrazzjoni, bl-opportunità li jissolvew kwistjonijiet tal-passat bħal pagamenti u strumenti speċjali, u bl-ewwel attivazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġodda tal-QFP bħall-marġni globali għall-impenji, il-proċedura baġitarja tal-2016 se tkun każ ta' prova għall-approċċ tal-Kunsill għall-pjan ta' pagament kif ukoll għall-valutazzjoni tal-QFP attwali; reminds the Commission of its legal obligation to present a review of the functioning of the MFF by the end of 2016 and to accompany that budgetary review with a legislative proposal for the revision of Regulation (EU, Euratom) No 1311/2013 laying down the MFF 2014-2020; ifakkar li, b'mod parallel ma' dan il-proċess, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll inizjattivi ġodda għal Riżorsi Proprji, fuq il-bażi tar-riżultati tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji li mistennija li jiġu ppreżentati fl-2016; | 46. Ifakkar li, bi programmi li mistennija jilħqu ritmu sħiħ, bl-integrazzjoni ta' inizjattivi ewlenin ġodda fl-oqsma tal-investiment u l-migrazzjoni, bl-opportunità li jissolvew kwistjonijiet tal-passat bħal pagamenti u strumenti speċjali, u bl-ewwel attivazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġodda tal-QFP bħall-marġni globali għall-impenji, il-proċedura baġitarja tal-2016 se tkun każ ta' prova għall-approċċ tal-Kunsill għall-pjan ta' pagament kif ukoll għall-valutazzjoni tal-QFP attwali; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu legali tagħha li tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP sal-aħħar tal-2016 u li mar-rieżami tal-baġit iżżid proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020; ***jinsisti li, sabiex l-Unjoni tilħaq l-objettivi tagħha ta' tkabbir intelliġenti, ekoloġiku-sostenibbli u inklużiv, tagħti spinta lill-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità filwaqt li ssaħħaħ il-livelli soċjali, tas-saħħa, tal-protezzjoni tal-ambjent, tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni, il-proċess ta' rieżami/reviżjoni tal-QFP għall-2014-2020 jeħtieġ li jitnieda s-sena d-dieħla;*** ifakkar li, b'mod parallel ma' dan |

il-proċess, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll inizjattivi ġodda għal Riżorsi Proprji, fuq il-bażi tar-riżultati tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji li mistennija li jiġu ppreżentati fl-2016;

Or. en

**Emenda 36**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Lidia Senra Rodríguez, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Marie-Christine Vergiat, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43a. Jenfasizza l-importanza ta'Proġetti Pilota, bħalma hu l-Osservatorju Ewropew ta' Monitoraġġ tal-Prezzijiet, għall-kumitat u s-settur agrikolu u jitlob li jkomplu jingħataw appoġġ; iqis madankollu li dawn l-osservatorji ma jissostitwixxux il-bżonn li jiġu implimentati strumenti ta' kontroll tal-produzzjoni; jenfasizza l-proġett pilota propost dwar it-theddida ta' fatturi li jaffettwaw bosta ekosistemi tal-foresti, bħal, fost l-oħrajn, it-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi, organiżmi ta' ħsara (bħalma hu n-nematodu tal-injam tal-arżnu u oħrajn) u ħruq tal-foresti;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 37**
**João Ferreira, Inês Cristina Zuber, Miguel Viegas, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Marisa Matias, Fabio De Masi, Marie-Christine Vergiat, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Martina Anderson, Lidia Senra Rodríguez, Marina Albiol Guzmán, Ángela Vallina, Javier Couso Permuy, Dimitrios Papadimoulis, Barbara Spinelli, Luke Ming Flanagan,**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0217/2015**
**José Manuel Fernandes**
Baġit 2016 – Mandat għat-trilogu
2015/2074(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***45a. Jistieden lill-Kummissjoni tati prijorità reali lill-ġlieda kontra l-faqar billi tipproponi azzjonijiet speċifiċi dwar it-tnaqqis tal-faqar u modi kif il-baġit tal-UE jista' jikkomplementa miżuri fil-livell tal-Istati Membri, flimkien mal-miljuni ta' euro allokati għall-informazzjoni dwar il-politika;*** |

Or. en